# It-Teknoloġija fil-Festi Maltin: Kultura ta' Innovazzjoni?

Ansel Briffa »



Inġ. Ansel Briffa jaħdem bħala Inġinier ma' kumpanija ewlenija fil-mikro-elettronika f'Malta. Huwa membru f'diversi għaqdiet Mostin, kif ukoll fl-IEEE (*Institute of Electrical and Electronics Engineers*), l-akbar assoċjazzjoni dinjija tal-inġiniera professjonali. Twieled il-Mosta u huwa t-tieni wild minn żewġ subien. Studja fl-iskola Primarja tal-Gvern tal-Mosta kif ukoll ġewwa l-Kulleġġ San Alwiġi. Gradwa mill-Università ta' Malta bħala Inġinier, u aktar tard kiseb *Master's Degree* fl-ICT (*Information and Communication Technology*). Bħala student kien attiv f'diversi għaqdiet studenteski. Kiteb u preżenta numru ta' pubblikazzjonijiet relatati mal-istudji tiegħu f'konferenzi rrinomati fi bliet Ewropej u anke f'Malta.

Ħafna jargumentaw li x-xjenza tal-lum hija t-teknoloġija ta' għada. Iżda, nistgħu napplikaw dan l-istess argument ukoll fuq il-festi tagħna l-Maltin? X'post għandha t-teknoloġija f'dak li huwa meqjus bħala tradizzjonali? Għandu jkun hemm limitu jew kontrolli fejn tidħol il-kultura u l-innovazzjoni? Dawn naħseb li huma ftit mill-mistoqsijiet li jiġu f'moħħna meta wieħed jibda janalizza żewġ suġġetti tassew interessanti: il-festi u t-teknoloġija!

Naħseb li huwa sempliċi li wieħed jidentifika l-avvanzi teknoloġiċi li daħlu fil-festi Maltin f'dawn l-aħħar ftit snin. Ibda min-nies li jattendu, fejn prattikament għandek parti kbira mill-udjenza li għandha aċċess għal *smartphone*, *tablet* jew kamera, u allura dak kollu li jiġri matul il-ġranet tal-festa faċilment jispiċċa mperreċ madwar id-dinja kollha. Din wasslet biex kull min hu attiv fit-tfassil u l-ħidma tal-festa li jkollu attenzjoni akbar sabiex ma jsirux żbalji. Sa ċertu punt din hija bidla pożittiva, anke għaliex dawk li jinsabu 'l bogħod minna f'pajjiżi oħra jistgħu huma wkoll igawdu mill-ferħ u ċ-ċelebrazzjonijiet li jkunu għaddejjin fil-festa tar-raħal.



*Esperti jużaw għodda teknoloġiċi sabiex jagħmlu studju fuq il-pittura (sors: http://www.atelierdelrestauro.com)*

F'dawn l-aħħar snin bdejna wkoll naraw l-importanza tal-konservazzjoni u r-restawr ta' opri ta' arti ta' importanza nazzjonali u wirt kulturali. Ġew ikkummissjonati numru ta' studji xjentifiċi u saret ħidma intensiva minn numru ta' esperti Maltin kif ukoll barranin. F'dawn l-istudji l-użu tat-teknoloġija hija indispensabbli. Ħafna mill-għodda bażika tinkludi *digital camera* ta' kwalità għolja li kapaċi tiġbor informazzjoni fl-ispektru tad-dawl viżibbli.

Ma' dan jingħaqdu wkoll għodda oħra bħal *Infrared Sensitive Camera* u teknoloġija tal-*X-ray*. Din l-għodda

teknoloġika kollha tgħin lill-esperti sabiex jittieħdu l-aħjar deċiżjonijiet u jifhmu aħjar f'liema stat tinstab dik l-opra t'arti li tkun qiegħda tiġi studjata.

Dan rajnieh f'pajjiżna biex saru konservazzjonijiet ta' pitturi titulari ġewwa l-knejjes tagħna, statwi professjonali kif ukoll opri oħra reliġjużi li ħafna drabi jintużaw fil-jiem tal-festa.

Żgur li sinonimu mal-festi tagħna hija l-mużika u d-daqq tal-banda. Apparti li l-mod ta' kif jinħoloq il-ħoss mill-istrumenti hija teknoloġija fiha nnifisha, illum xtaqt li niffoka aktar fuq l-użu kontemporanju tat-teknoloġija.

Prattikament kull soċjetà mużikali llum tagħmel *recordings* tal-marċi l-aktar popolari. Dawn ir-*recordings* illum isiru ġewwa *recording studios* professjonali u r-riżultat aħħari jkun wieħed ta' kwalità għolja. Dawn sabiex imbagħad isibu posthom fi djarna u kull fejn immorru, u kulħadd jista' jgawdi l-aktar marċi favoriti tiegħu mhux biss fil-ġimgħa tal-festa iżda kull meta wieħed ikollu aptit! Ħafna llum ukoll jiddiskutu u jargumentaw fuq il-kummerċjaliżmu ta' marċi popolari u kif qegħdin nibdlu l-istrumenti mal-verżjoni diġitali tagħhom. Dawn ħolqu dibattiti sħaħ fuq l-użu tagħhom speċjalment waqt il-festi Maltin.

Suġġett ieħor ta' interess kbir huwa l-manifattura tal-logħob tan-nar. L-ispettakli tal-logħob tan-nar illum huma impressjonanti u ħafna drabi saru jinkludu spettakli korjografati u sinkronizzati mal-mużika. Dawn l-ispettakli tal-ogħla livelli jseħħu grazzi għall-avvanzi teknoloġiċi fejn jintużaw sistemi kompjuterizzati u diġitali għall-ħruq tal-murtali u logħob piroteckniku ieħor. Dawn is-sistemi jintużaw biex jinħaraq in-nar b'mod preċiż bl-użu ta' *hardware* u *software* li jikkontrollaw l-ispettaklu sabiex joħolqu festa ta' ilwien u ħsejjes għal esperjenza unika. Dawn l-istess għodda jintużaw ukoll fit-tfassil tal-istess spettakli biex isiru mudelli diġitali u simulazzjonijiet tax-xogħol.

Għalkemm ma hawn xejn akbar b'saħħtu mid-drawwa u t-tradizzjoni, mingħajr bidla żgur li qatt ma jista' jkollna l-innovazzjoni, il-kreattività jew l-inċentiv biex intejbu dak li nagħmlu. Dawk li jmexxu din it-tip ta' kultura jkunu qegħdin joħolqu opportunitajiet għal tibdiliet li huma inevitabbli.



*Sistema Diġitali li tintuża fil-ħruq tal-ispettakli tal-logħob tan-nar (FireTek Malta)*

Wieħed żgur li ma jistax iħalli barra t-tagħlim kontinwu li jmur id f'id mal-innovazzjoni. Bħalma t-teknoloġija tieħu l-ħin tagħha sabiex tibda tindara fil-ħajja tagħna ta' kuljum, konvint li anke fil-festi tagħna ser tkun qiegħda tieħu ċ-ċentru tal-attenzjoni.

L-influwenza tat-teknoloġija tibda tinħass aktar ma jgħaddi ż-żmien sabiex jinħolqu ċelebrazzjonijiet li jixirqu f'ġieħ il-Patrun/a tar-raħal.

**Il-Kumitat jirringrazzja lid-ditti kollha li rreklamaw fuq dan il-ktieb, kif ukoll lill-artikolisti kollha tal-artikli tagħhom.**

***Inħeġġu lill-qarrejja kollha sabiex jagħmlu użu mill-prodotti u s-servizzi ta' dawn id-ditti.***